# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE, Euratom) 2015/2401

## tat-2 ta' Ottubru 2015

## dwar il-kontenut u t-tħaddim tar-Reġistru tal-partiti u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 8(3)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jirrikjedi li l-Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ("l-Awtorità") tistabbilixxi u ġġesti reġistru ta' partiti u ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej ("ir-Reġistru").

(2) Ir-Reġistru għandu jkun ir-repożitorju tad-dejta, tal-informazzjoni dettaljata u tad-dokumenti ppreżentati ma' applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni bħala partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea, kif ukoll ta' kull dejta, informazzjoni dettaljata u dokument sussegwenti ppreżentati minn partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea skont dan ir-Regolament.

(3) L-Awtorità għandha tirċievi l-informazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn li teħtieġ biex twettaq bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tagħha għar-Reġistru.

(4) Ir-Reġistru għandu jipprovdi servizz pubbliku għall-benefiċċju ta' trasparenza, responsabbiltà u ċertezza ġuridika. Għal din ir-raġuni, l-Awtorità għandha topera r-Reġistru b'tali mod li jkunu pprovduti aċċess xieraq għalih u ċertifikazzjoni tal-informazzjoni li tinsab fih, filwaqt li jkunu rrispettati l-obbligi tiegħu għall-protezzjoni tad-dejta personali skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, inkluż fir-rwol tiegħu bħala kontrollur tad-dejta definit fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(5) L-Awtorità għandha tipprovdi l-estratt standard mir-Reġistru li jkun jinkludi t-tagħrif stabbilit permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.

(6) Il-modalitajiet operattivi, li għandhom jibqgħu proporzjonati, għandhom jitħallew f'idejn l-Awtorità biex tiddeċidihom.

(7) Ir-Reġistru għandu jkun distint mis-sit web stabbilit mill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, madankollu xi dokumenti maħżuna fir-Reġistru għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku fuq dan is-sit web,

([1]) ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Kontenut tar-Reġistru**

1. Fir-rigward tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, ir-Reġistru jkun fih id-dokumenti li ġejjin, inklużi l-aġġornamenti tagħhom, jekk ikun hemm:

(a) l-istatuti, inklużi l-elementi kollha rikjesti mill-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 u kull emenda għalihom;

(b) id-dikjarazzjoni standard annessa mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 debitament mimlija u ffirmata;

(c) meta jkun meħtieġ minbarra l-istatuti, deskrizzjoni dettaljata tal-istruttura finanzjarja, ta' governanza u ta' ġestjoni tal-partit politiku Ewropew u l-fondazzjoni affiljata tiegħu, jekk ikun hemm, li turi separazzjoni ċara bejn iż-żewġ entitajiet;

(d) meta rikjest mill-Istat Membru li fih l-applikant ikollu s-sede tiegħu, dikjarazzjoni minn dak l-Istat Membru, li tiċċertifika li l-applikant ikun issodisfa r-rekwiżiti nazzjonali rilevanti għall-applikazzjoni, u li l-istatuti tiegħu jkunu konformi ma' kull dispożizzjoni applikabbli tal-liġi nazzjonali;

(e) kull dokument jew korrispondenza mingħand l-awtoritajiet tal-Istati Membri relatati ma' dokumenti jew informazzjoni skont dan l-Artikolu;

2. Fir-rigward tal-partiti politiċi Ewropej, ir-Reġistru jkun fih id-dokumenti li ġejjin, minbarra d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1:

(a) l-ittra tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni bħala partit politiku Ewropew, debitament iffirmata mill-President talentità li tkun qed tapplika jew minn min jippresiediha;

(b) kopja tar-riżultati uffiċjali tal-iktar elezzjonijiet reċenti għall-Parlament Ewropew fil-mument tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, u ladarba li l-partit politiku Ewropew ikun irreġistrat, kopja tar-riżultati uffiċjali wara kull elezzjoni għall-Parlament Ewropew;

(c) f'każ ta' persuni fiżiċi li jiffurmaw partit politiku Ewropew, dikjarazzjoni ffirmata minn mill-inqas seba' persuni minn Stati Membri differenti li għandhom mandati elettorali fil-Parlament Ewropew jew fil-parlamenti jew assemblej nazzjonali jew reġjonali, li tikkonferma l-intenzjoni tagħhom li jissieħbu fil-partit politiku Ewropew ikkonċernat; modifiki minħabba l-eżitu tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew jew tal-elezzjonijiet nazzjonali jew reġjonali jew minħabba bidliet fis-sħubija, jew it-tnejn, jiġu inklużi wkoll;

(d) fil-każ ta' partit politiku applikant li għadu ma ħax sehem fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, evidenza bilmiktub tal-intenzjoni ddikjarata pubblikament li jieħu sehem fl-elezzjonijiet li jkun imiss għall-Parlament Ewropew flimkien ma' indikazzjoni ta' partiti politiċi nazzjonali jew reġjonali affiljati, jew it-tnejn, li jippjanaw li jippreżentaw kandidati fl-elezzjonijiet;

(e) il-lista attwali tal-partiti membri, annessa mal-istatuti, li tindika għal kull partit membru l-isem sħiħ, l-akronimu, ittip ta' sħubija u l-Istat Membru li fih huwa stabbilit;

3. Fir-rigward tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, ir-Reġistru jkun fih id-dokumenti li ġejjin, minbarra d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1:

(a) l-ittra ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni bħala fondazzjoni politika Ewropea, debitament iffirmata mill-President tal-entità li tkun qed tapplika jew minn min jippresiediha u mill-President tal-partit politiku Ewropew, jew minn min jippresiedih, li miegħu tkun affiljata l-fondazzjoni politika li tkun qed tapplika;

(b) il-lista tal-membri tal-korp ta' tmexxija, li tindika n-nazzjonalità ta' kull membru;

(c) il-lista attwali tal-organizzazzjonijiet, li għal kull organizzazzjoni membru tindika l-isem sħiħ, l-akronimu, it-tip ta' sħubija u l-Istat Membru li fih huwa stabbilit;

4. L-informazzjoni li ġejja dwar kull partit politiku Ewropew reġistrat u kull fondazzjoni politika Ewropea reġistrata tinżamm aġġornata fir-Reġistru:

(a) it-tip ta' entità (partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea);

(b) in-numru ta' reġistrazzjoni allokat mill-Awtorità f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar dispożizzjonijiet dettaljati għas-sistema tan-numri tar-reġistrazzjoni applikabbli għar-reġistru tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u għall-informazzjoni provduta permezz ta' estratti standard mir-reġistru;

(c) l-isem sħiħ, l-akronimu u l-logo;

(d) l-Istat Membru fejn il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea jkollhom is-sede tagħhom;

(e) f'każijiet li fihom l-Istat Membru tas-sede jipprevedi reġistrazzjoni parallela, l-isem, l-indirizz u s-sit web, jekk ikun hemm, tal-awtorità ta' reġistrazzjoni rilevanti;

(f) l-indirizz tas-sede, l-indirizz ta' korrispondenza tagħha jekk ikun differenti, l-indirizz tal-posta elettronika u s-sit web, jekk ikun hemm;

(g) id-data ta' reġistrazzjoni bħala partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea u, jekk ikun applikabbli, id-data tat-tneħħija mir-Reġistru;

(h) meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jinħolqu bħala riżultat ta' konverżjoni minn entità irreġistrata fi Stat Membru, l-isem sħiħ u l-i*status* ġuridiku ta' din l-entità, inkluż kull numru nazzjonali ta' reġistrazzjoni;

(i) id-data tal-adozzjoni tal-istatuti u ta' kull emenda għall-istatuti;

(j) in-numru ta' membri tal-partit politiku Ewropew jew tal-partiti membri tiegħu, fejn ikun rilevanti, li huma Membri tal-Parlament Ewropew;

(k) l-isem u n-numru ta'reġistrazzjoni tal-fondazzjoni politika Ewropea affiljata tal-partit politiku Ewropew, jekk rilevanti;

(l) għall-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-partit politiku Ewropew affiljat;

(m) l-identità, inkluż l-isem, id-data tat-twelid, in-nazzjonalità u r-residenza tal-persuni li huma membri ta' korpi jew li jokkupaw karigi b'setgħat ta' rappreżentanza amministrattiva, finanzjarja u ġuridika, b'indikazzjoni ċara tas-setgħat u tal-kapaċitajiet tagħhom, individwalment jew kollettivament, li jikkommettu l-entità fil-konfront ta' partijiet terzi u li jirrappreżentaw l-entità fi proċedimenti ġuridiċi.

5. Ir-reġistru jaħżen id-dokumenti u l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafi minn 1 sa 4 mingħajr limitu ta' żmien.

*Artikolu 2*

**Informazzjoni supplimentari u dokumenti ta' sostenn**

L-applikanti għal reġistrazzjoni, u l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej reġistrati jipprovdu lill-Awtorità, minbarra r-rekwiżiti tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, id-dokumenti u l-informazzjoni, u kull aġġornament tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 1.

L-Awtorità tista' tirrikjedi lill-partiti politiċi Ewropej u lill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej li jirrettifikw kull dokument u informazzjoni pprovduti li jkunu inkompleti jew skaduti.

*Artikolu 3*

**Servizzi pprovduti mir-Reġistru**

1. L-Awtorità tistabbilixxi l-estratti standard mir-Reġistru. L-Awtorità tipprovdi estratt standard għal kull persuna fiżika jew ġuridika fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

2. Meta l-Awtorità għandha l-kompetenza skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-Awtorità, wara li ssirilha talba, tiċċertifika li l-informazzjoni mogħtija fl-estratt standard hija korretta, aġġornata u konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni.

Meta l-Awtorità ma għandha ebda kompetenza skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, wara li ssirilha talba, tiċċertifika li l-informazzjoni mogħtija fl-estratt standard hija l-aktar waħda kompleta, aġġornata u korretta disponibbli għaliha wara li jkunu saru l-verifiki kollha raġonevoli. Dawn il-verifiki jinkludu t-tiftix tal-konferma tal-informazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri rilevanti, sa fejn hija prevista bażi permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti biex l-awtoritajiet ikkonċernati jagħmlu dan. L-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 1 ma tapplikax għat-talbiet koperti mis-sottoparagrafu preżenti.

Fiċ-ċertifikazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu, l-Awtorità tindika b'mod ċar jekk għandhiex kompetenza skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.

3. Wara li ssirilha talba, l-Awtorità tagħti ċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, u lill-awtoritajiet u l-qrati tal-Istati Membri. Tipprovdi wkoll tali ċertifikazzjoni, wara li ssirilha talba, lil partiti politiċi Ewropej jew lil fondazzjonijiet politiċi Ewropej fir-rigward tal-i*status* tagħhom stess.

L-Awtorità tista' wkoll tipprovdi tali ċertifikazzjoni lil kull persuna fiżika jew ġuridika oħra, fejn dan ikun meħtieġ għal proċeduri ġuridiċi jew amministrattivi, wara li titressaq talba motivata kif xieraq lill-Awtorità.

4. L-Awtorità tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura għat-talba u għall-forniment tal-estratti standard u ċ-ċertifikazzjonijiet, inkluż l-użu ta' mezzi elettroniċi biex ikunu pprovduti dawk is-servizzi.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-Seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER